**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Av. Brendan Hewer)**

**(Spettur Warren Galea)**

**vs**

**Mariah Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 131/2025**

**Illum, 13 ta' Frar, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba kontra Mariah Spiteri detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 251701L akkużata talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (1600hrs) u l-ħdax ta' billejl (2300hrs) ġewwa Caruana Farmhouse, Triq Qasam Barrani, Mellieħa:

1. Ikkommettiet serq għad-dannu ta’ Eugene Caruana u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-“**persuna**”, bil-“**lok**” u bil-“**valur**” li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

*Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f’każ ta’ ħtija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 15A** u/jew **28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta** kontra l-imputata, u dan mingħajr preġudizzju għall-ingħatar tal-piena għal dawn ir-reati skond il-Liġi.

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 532A, 532B, 533, 15A u/jew 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputata tirreġistra ammissjoni tal-akkuża kif dedotta kontriha u wkoll reġghet kkonfermat l-ammissjoni tagħha anke wara li ngħatat żmien raġonevoli sabiex taħsibha;

Stante ammissjoni tal-akkuża u stante li l-imputata kkoperat bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni, issib lill-imputata Mariah Spiteri hatja tal-akkuża u stante li l-imputata kkoperat mal-prosekuzzjoni minflok tinfliġġi piena  tpoggiha taħt Ordni ta' Probation taħt l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Trattament taħt l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputata Mariah Spiteri r-riperkussjonijiet jekk tali ordnijiet ma jiġux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**